TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# QATT M'HU TARD

M'għadux iż-żmien li tieqaf qatt titgħallem,
li titlaq mill-iskola u ktieb magħluq.
Għax taf kemm taf, mhux dejjem taf biżżejjed.
Ta' siwi it-tagħlim għal kull maħluq.

Tingħalaq jekk fix-xogħol fejn tibda tibqa'
bla tħabrek bit-taħriġ biex tkun aħjar.
Id-dinja qed tinbidel il-ħin kollu.
Ma tibqa' lura qatt fost ta' madwar.

**Ref:** Qatt m'hu tard biex tkun taf aktar.
Qatt m'hu tard illi tavvanza.
Li titgħallem qatt m'hu moħli; tkabbar l-abbilta`.
Taqtax qalbek. Int kapaċi.
Intix mara, intix raġel.
Issa ċ-ċans li għerfek tkabbar, hi x'inhi l-eta`.

M'għadux iż-żmien li bniedem kif jitgħarras
iwarrab kollox qisu m'għandux jedd
jitħarreġ kemm għalih u għall-familja
u jagħmel sew jaspira sa fuq nett.

It-tagħlim jiftaħlek bosta oriżżonti
sabiex timraħ toroq ġodda ta' suċċess.
Potenzjal għax-xogħol, għad-dar u f'kulma tagħmel;
u sodisfazzjon għall-milja tiegħek stess.

**Ref:** Qatt m'hu tard biex tkun taf aktar eċċ...

joe julian farrugia